MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 411/2014

**Pio u Maria Dolores sive Doris konjugi Pace**

**Vs**

**Naipaul Holdings Limited**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-13 ta' Mejju 2014, l-atturi talbu lill-qorti sabiex:

1. Tikkundanna lill-konvenuta tersaq ghall-att pubbliku ta' bejgh fejn tbiegh lill-atturi l-garaxx basement level numru 2, accessibbli minn entratura minghajr numru u minghajr isem, li taghti ghal Triq it-Tabib Gregorju Mifsud, Qrendi, liberu u frank, inkluz ukoll is-sehem indiviz tal-partijiet komuni fl-istess kumpless ta' garaxxijiet.

2. Tiffissa lok, jum u hin ghall-pubblikazzjoni tal-att pubbliku.
3. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' bejgh relattiv.
4. Tinnomina kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-konvenuta f'kaz ta' kontumacju fuq l-att pubbliku.

Il-konvenuta baqghet kontumaci.

Fis-seduta tal-lum xehedu l-attur u n-nutar Dr Daniel Caruana.

Jirrizulta li b'konvenju tat-28 ta' Jannar 2013 il-konvenuta obbligat ruhha li tbiegh lill-atturi:-

*"Garaxx basement level, internament immarkat bin-numru tnejn (2), accessibbli minn entratura minghajr numru u minghajr isem li taghti ghal Triq it-Tabib Gregorju Mifsud fil-Qrendi, liberu u frank bid-drittijiet u pertinenzi tieghu kollha, inkluz is-sehem indiviz tal-partijiet intizi ghall-uzu komuni flimkien mal-proprjetarji fl-istess kumpless ta' garaxxijiet…. Inkluz f'dan il-bejgh hemm ukoll store illi huwa mniffed mieghu liema store jidher immarkat bil-kulur celesti fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata Dokument ittra P numru wiehed (P1) filwaqt ili l-garaxx jidher immarkat bil-kulur ahdar fuq l-istess pjanta".*

Permezz ta' ittra ufficjali tal-14 ta' April 2014 l-atturi nterpellaw lill-kumpannija konvenuta sabiex tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh (Dok. CC1). Irrizulta wkoll li l-atturi diga' hallsu s-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) mill-prezz ta' hmistax-il elf ewro (€15,000).

Il-konvenju gie mgedded fid-29 ta' April 2014.

Billi l-kumpannija konvenuta baqghet kontumaci ma tressqet l-ebda raguni ghalfejn m'ghandux isehh il-bejgh.

**Fic-cirkostanzi tilqa' t-talbiet u:**

1. **Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex tbiegh lill-atturi l-garaxx li hemm f'basement level internament markat bin-numru tnejn (2), accessibbli minn entratura minghajr numru u minghajr isem, li taghti ghal Triq it-Tabib Gregorju Mifsud, Qrendi, liberu u frank, inkluz l-istore mniffed mieghu u s-sehem indiviz tal-partijiet komuni fl-istess kumpless ta' garaxxijiet u kif inhu deskritt fil-konvenju tat-28 ta' Jannar 2013. Japplikaw ukoll il-pattijiet u kondizzjonijiet stipulati fil-konvenju tat-28 ta' Jannar 2013.**
2. **Tordna li l-kuntratt jigi ppubblikat fil-15 ta' Settembru 2014 fil-11.00 a.m. fil-bini tal-qorti.**
3. **Tinnomina lin-nutar Dr Daniel Caruana biex jippubblika l-att u lill-avukatessa Dr Maxilene Pace ghall-eventwali kontumaci.**

**Spejjez a karigu tal-kumpannija konvenuta**.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------